HAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 36 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn 13 ta' Gunju 2011, fis-2.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Mejju 2011;
   b) Skeda ta' Ħlas Mejju 2011;
   c) Risposta għall-Management Letter;
   d) Approvazjoni ħlas tax-xogħol ta' Triq il-Ħannieqa.
5. Ċerimonja tat-Turretta;
6. Tindif tal-Festa;
7. National Enterprise Award;
8. Skrivan Part-timer tal-Kunsill;
9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 35 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar il-"*Point of Explenation*" li s-Sur Abdilla xtaq jagħmel intbagħatet ittra lis-Sur Schembri fejn il-Kunsill għamel il-kjarifika tiegħu dwar is-suġġett ta' Ġieħ Ħal Għaxaq flimkien ma' estratt mill-Minuti.

b. Dwar ix-xogħol li ser isir taħt l-iSkema tal-PPP saret *draft* t'ittra li ser tinbagħat lir-residenti sabiex ikunu mgħarrfa li fit-triq tagħhom ser jibdew ix-xogħolijiet.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)**:-

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 50/2011, dwar rati ġodda għall-immaniggjar tal-iskart. L-ispiża għad-depożitu ta' skart separat hija ta €0.50 għal kull tunellata (mingħajr il-VAT) filwaqt ta' skart imħallat hija ta' €20 għal kull tunellata (mingħajr il-VAT)
Memo 51/2011 dwar l-Ispezzjonijiet tal-MCCAA fuq il-*Playing Fields* u r-Rinnovazzjoni ta' dawn mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli Lokali fl-ispeċifikazzjoni li joħorġu lill-kuntratturi huwa li kull tagħmir irid jikkonforma mal-ispeċifikazzjoni MSA 3500 u kull *architectural plan* tkun skont kif tesiġi l-MEPA fl-applikazzjonijiet tagħha.
Memo 52/2011 dwar *European Mobility Week – Car Free Day 2011* – Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali : *In Town Without My Car*. Il-Kunsilli qed jiġu mħeġġa jorganizzaw attivitajiet relatati mat-tema u l-aħjar ħames proposti jingħataw *sponsorship* ta' €3,000 sabiex jgħinhom jorganizzaw din l-attivita'.
Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill jidħol għal din il-kompetizzjoni billi jikri karozzi ta' l-elettriku u jsir *shuttle service* madwar ir-raħal il-Ħadd biex iġorr nies speċjalment anzjani għal quddies.
Memo 53/2011 – Proċedura li għandha tiġi segwita meta Kunsill/Reġjun jiġi biex jaħtar Segretarju Eżekuttiv mill-lista tal-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi.
Memo 54/2011 – Lista ta' dawk interessati li jservu bħala Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali ( Pool ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi).
Memo 55/2011 – Skema ta' Finanzjament għall-proġetti w inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitaijiet tagħhom.

Infurmaw ukoll li ghandha ssir Laqgħa Nformattiva – *National Enterprise Award*. Għarrfuna wkoll li dwar Memo 44/2011 – *Lifelong Learning,* li jekk ikun hemm xi Kunsilli Lokali li jixtiequ jagħtu l-korsijiet għal *MQF Level 2* irid isir kuntatt dirett mad-Direttorat.

Ser isir Seminar fl- 1 ta' Lulju, 2011, sabiex isir pubbliċita' fis-settur tat-turiżmu dwar il-lokalita'.
Infurmaw li dwar Memo 9/2011 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilita' ta' Librerija, fejn dawk li ser jibbenefikaw minn din l-iskema l-attivita' ser tittella' fl-21 ta' Ġunju, 2011, il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida.
Bagħatu dwar IMMAĠINA 18 – Kapitali Ewropeja tal-Kultura.

2. Mill-MEPA fejn irċevejna kopja dwar l-applikazzjonijiet ġodda PA 4147/09 fi Triq il-ġdida fi Triq il-Belt Valletta u Sqaq il-Vova fejn biddel is-sottomissjoni tiegħu għal dik li jibni sanction walls u garaxxijiet għal skop industrijali.
PA 325/11 fi Triq G. D'Arena sabiex jirranġa l-garaxxijiet fuq ġewwa u barra.
Irċevejna Notifika t'Avviż għal sit fi Triq iż-Żejtun pjanta annessa.
Infurmaw ukoll li dwar *UIF Statement of Funds* li bħala bilanċ disponibbli l-Kunsill għandhu € 14,150.96.
Irċevejna wkoll xi DCC ( dokumenti annessi).

3. *Draft* tar-risposta tal-*Management Letter*.

4. Mill-ETC infurmaw li mit-13 ta' Ġunju, 2011, ser ikunu assenjati magħna żewġ ħaddiema bħala *labourers* u ħaddiem ieħor fuq xogħol tal-uffiċċju taħt li skema xogħol fil-komunita'.

5. Mir-Reġjun Nofsinhar bagħatu jinfurmaw jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni dwar id-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq, dawn ġew infurmati li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għad-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq tal-arbli li jinsabu fl-*outskirts* filwaqt li l-oħrajn jibqa' jieħu ħsiebhom il-Kunsill.

6. Mill-MEUSAC għarrfu li ser issir laqgħa fit-13 ta' Ġunju, 2011 – *Malta's Action to prevent and reduce ambient noise*.
Infurmaw ukoll li ser saret laqgħa oħra dwar il-*Waste Regulations 2011*, fis-6 ta' Ġunju, 2011.

7. Mingħand is-Sur Spiteri Cremona, fejn infurmaw li ser isir xi filimg fil-pjazza ta' Għaxaq.

8. Mingħand is-Sur Vella, fejn għarraf li nieda Ktieb Ġdid dwar "L-Imtiehen tat-Thin tal-Qamh fil-Gzejjer Maltin" bil-prezz ta' € 12.50. Il-Kunsill qabel li jinxtraw tnejn għall-librerija.

9. Mingħand Ms Camilleri tal-BOV, fejn infurmat li mhux ser jissponsorjaw għall-fuljett. Il-Kunsillier Picco qal li l-aħjar nerġgħu nikkuntattjaw il-BOV għar-reklam u ngħidulhom li aħna klijenti tagħhom u nistennew li jgħinu.

10. Mill-Għaqda Mużikali St.Marija, sabiex ma jinharġux permessi lill-kiosks biex jarmaw faċċata tal-Każin fi Triq G.M. Farrugia u wkoll infurmawna biex ma jintramawx bars minn każini oħra fit-3 ta'Awwissu, 2011, minħabba li ser issir ikla fil-pjazza tar-raħal b'risq l-Għaqda Filantropika.

11. Mingħand *Frank Salt Real Estate Ltd.* – Talba għall-permess sabiex jiġu nstallati *safety barriers* bir-reklam tagħhom. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni, iżda irid jinkiseb permess mingħand l-ADT.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a. Intbagħatet e-mail lis-Sur Vassallo tat-Transport Malta dwar xogħol li qed isir ħażin f'Dawret Ħal Għaxaq fejn ġej li *stage* il-ġdid. Din ġiet solvuta għax il-kuntrattur ser jagħmel il-bankina bħal kumplament tagħha.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Mejju 2011 u li kienu jammontaw għal €46.49. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Talab li jiġu miġbuda mill-Bank €46.49 biex is-Segretarju jkollha biżżejjed *cash flow*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Mejju 2011*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2011 u li jammontaw għal €28,040.65. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*4.1.3* *Risposta ghall-Management Letter:* Il-Viċi Sindku qara u spjega ir-risposta li trid tintbaghat ghal-*Management Letter* li baghat l-Awditur. Hu ppropona li l-Kunsill jadotta r-risposta.
Issekondat is-Sinjura Agius u l-Kunsill qabel.

## 5. Ċerimonja tat-Turretta

Is-Sindku qal li d-data u l-ħin taċ-Ċerimonja ġew deċiżi mil-Onor. Jason Azzopardi għal nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju, 2011, fil-11.00am. It-tabib Rizzo Naudi sar jaf b'din iċ-ċerimonja u qal lill-Onor. Azzopardi li ser jagħmel riċerka fuq it-Turretta u xtaq li kopja ta' din ir-riċerka titwaħħal ġewwa t-Turretta.
Waqt diskussjoni ġie deċiż li jinġabu anzjani li hemm *San Vincenz de Paule* għall-okkażjoni u dawn jingħataw tifkira żgħira flimkien ma' bibita minħabba li l-Ħadd se jkun il-*Fathers Day*. Il-Kunsill qabel.

## 6. Tindif tal-Festa

Is-Sindku qal li jħoss li tkun ħaġa xierqa jekk il-Kunsill jibagħat biex jirringrazzja lis-Sur Wilson Mifsud u s-Sinjuri Bezzina tax-xogħol li wettqu bħala tindif u ġbir ta' skart fil-ġranet tal-Festa ta' San Ġużepp. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal ukoll li aktar il-quddiem nitkellmu dwar it-tindif għall-Festa ta' Santa Marija f'Awwissu.

**7. National Enterprise Award**

Is-Sindku qal li se terġa' ssir in-*National Enterprise Award*, is-sena li għaddiet il-Kunsill ħa sehem bid-direttorju tal-ħwienet u l-Kunsill kien irċieva premju. Din id-darba s-Sindku qal li jixtieq li għal din l-*Award* il-Kunsill jagħmel tabelli li juru l-ismijiet tal-ħwienet li jkun hemm fit-triq. Dawn it-tabelli jsiru għal dawk is-sidien li jixtiequ li isem il-ħanut tagħhom jidher fit-tabella tat-Triq. Il-Kunsill qabel.

**8. Skrivan Part-timer tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux sodisfatt bil-mod kif qiegħed jaħdem il-*part-timer* s-Sur Ruben Dimech. Is-Sur Dimech qiegħed jiġi meta jrid hu u mhux meta jkollu bżonnhu l-Kunsill. L-iskop li ddaħħal il-*part-timer* kien li dan jidħol nhar ta' Sibt, is-Sur Dimech għamel ħafna drabi ma jidħolx għax xogħol is-Sibt u għaldaqstant mhux qiegħed jaqdi il-bżonn tal-Kunsill.

Is-Sur Abdilla qal li jkun aħjar jekk ninfurmaw lis-Sur Dimech bil-miktub li jekk mhux se jaqdi dmirhu kif kien miftiehem u jidħol nhar ta' Sibt il-Kunsill ma jkollu ebda alternattiva imma li jwaqqfu minn dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel.

**9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa ta' bozza fi Triq il-Merill u mera fi Triq Dwardu Buttiġieġ kantuniera ma' Triq il-Qattus, kif ukoll tabelli li jindikaw li z-zona hija mghassa bil-kameras 24 siegha kuljum biex ma jarmux skart. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li *Schembri Infrastructures* talbu li jsir il-kumplament tal-ħlas dovut lilhom għal kisi tat-toroq. Il-Kunsill iddeċieda li jħallsu tax-xogħol li sar fi Triq il-Ħannieqa minħabba li din ġiet ċertifikata mil-perit, iżda jżomm il-bqija tal-flus li jammontaw għal ftit aktar minn €18,000 sakemm il-kuntrattur imsemmi jirranġa Triq id-Dejl u tal-Millieri fejn iżomm l-ilma. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sinjura Agius qalet li hemm il-ħtieġa li ninfurmaw lil tas-Sanita biex jiġu jbexxu għal bried fi Triq il-Bwar kantuniera ma' Triq il-Miksur. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li id-Dipartiment ta' l-Artijiet għarrafna li l-biċċa għalqa li hemm Bir-id-Deheb wara il-ħanut *Well of Gold* hi tal-Gvern u għaldaqstant is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tagħha. Is-Sindku kompla jgħid li jekk il-Kunsill jingħata d-devoluzzjoni ta' din l-art, il-Kunsill jagħmel parkeġġ għall-karozzi taħt l-art, *toilet* u ġnien fuq. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li jkun tajjeb jekk il-Kunsill iħaffer għal ħażna tal-ilma ħdejn il-funtata fi Triq il-Gudja. L-ilma li jinġabar jintuża għal funtana. Il-Kunsill qabel.

6. Il-Kunsillier Picco qal li nistgħu niktbu il-ħwienet iż-żgħar għar-reklami fil-fuljett. Is-Sindku qal li l-aħjar niktbu lil ditti kbar għax il-ħwienet iż-żgħar għandhom piż żejjed u d-dħul tagħhom dejjem jonqos. Qal ukoll li jkun tajjeb jekk niktbu l-ARRIVA għar-reklam. Il-Kunsill qabel.

**9. Aġġornament**

Is-Sindku fil-5.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 12 ta' Lulju 2011, fis-2.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Ikkonfermati:- It-Tlieta, 12 ta' Lulju 2011 fis-2.00pm.**